III

(Atti preparatorji)

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK CENTRALI EWROPEW

tat-28 ta' Ottubru 2020

dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

(CON/2020/26)

(2020/C 372/03)

Introduzzjoni u bażi legali

Fl-14 ta' Ottubru 2020, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-President tal-Kunsill Ewropew għal opinjoni dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2020 dwar il-ħatra ta' membru ta' Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]).

Il-kompetenza tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Osservazzjonijiet ġenerali

1. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li ġiet ippreżentata lill-Kunsill Ewropew u li fuqha qed jiġu kkonsultati l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Governattiv tal-BĊE, tirrakkomanda illi Frank ELDERSON jinħatar bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għal mandat ta' tmien snin b'effett mill-15 ta' Diċembru 2020.

2. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE huwa tal-opinjoni illi l-kandidat propost huwa persuna ta' statura rikonoxxuta u b'esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji kif mitlub mill-Artikolu 283(2) tat-Trattat.

3. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE m'għandu l-ebda oġġezzjoni għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jaħtar lil Frank Elderson bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 28 ta' Ottubru 2020.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

([1]) ĠU C 338, 12.10.2020, p. 2.